PROFIL:

# W.R.P. ANGELIKU AZZOPARDI, O.F.M.



*P. Anġeliku Azzopardi* (Pietru Pawl) twieled ir-Rabat ta' l-Imdina nhar il-15 ta' Novembru 1895 bin Ġużeppi u Katerina nee Vella. Libes Franġisk fil-Provinċja ta' San Pawl Appostlu, li f'dak iż-żmien kienet għadha Kustodja ta' San Ġwann Battista, nhar l-1 ta' Diċembru 1912. Għamel l-ewwel Professjoni fis-7 ta' Diċembru tas-sena ta' wara u l-Professjoni Solenni nhar l-14 ta' Diċembru 1916. Ġie ordnat Saċerdot nhar it-30 t'April 1920. Issokta l-istudju tiegħu fl-Universita' Franġiskana Sant'Anna f'Ruma, minfejn tlett snin wara fl-Lulju 1923 kiseb il-Lettorat Ġenerali fid-Dritt Kanoniku u fit-Teoloġija Morali. Għallem dawn is-suġġetti flimkien mat-Teoloġija Pastorali u Teoloġija Axxetika għal ħafna snin. Fil-Kunvent Patri Anġeliku, bniedem dħuli u għaqli għadda mill-uffiċji l-aktar importanti tal-Provinċja. Kien għalliem u direttur ta' ġenerazzjoni sħiħa ta' studenti, li huma l-Provinċja tal-lum. Gwardjan għal snin twal tar-Rabat, pajjiżu, Direttur Spiritwali ta' l-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp, u bejn is-snin 1942 - 1946 Kappillan tal-Parroċċa tas-Sacro Cuor, fl-eqqel żmien tal-Gwerra, bil-Knisja u l-Kunvent imwaqqgħin. Din kienet kariga xierqa wara l-mewt ħesrem tal-Kappillan P. Ġorġ Xerri, bniedem ieħor ta' għerf u tjubija kbira. Wara erba' snin ta' ħidma f'tas-Sliema, nhar it-23 ta' Lulju 1946 inħatar Ministru Provinċjal, fejn mexxa bl-istess tjubija, karatteristika tiegħu, għal disgħa snin sħaħ, kemm jippermettu l-liġijiet li jista' jdum fl-istess kariga.

Patri Anġeliku, maħbub mill-Patrijiet u minn kull min kien jafu, miet f'tas-Sliema, nhar is-17 ta' Marzu 1971. Mar is-sema jumejn biss qabel il-festa tal-Patrijarka San Ġużepp li tant kien iħobb.

P. ĠORĠ AQUILINA O.F.M.